**27 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Kalċidon Agius**

*versus*

**Anthony Montanaro**

**Libell — Verità tal-Fatti — Prova — "Pappagalli".**

*Hu prinċipju ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza illi jkun hemm inġurja biss jekk il-persuna kwerelanti jew il-karattru tagħha, jekk tkun ġiet imxebbħa lil xi annimal, tiġi mxebbha ma' xi annimal li hu "treacherous or disgusting", ċjoè lil xi annimal li għar-rigward tiegħu "certain ideas are attached", ċjoè idejiet ta' ħwejjeġ per sè inġurjużi. Il-kelma "pappagall", indirizzata lil persuna li fil-kontest tal-fatti għandha raġjonevolment tifthiem fis-sens illi dik il-persuna ssegwi kap ta' partit politiku u tirripeti dak li jgħid hu bla ma tkun oriġinali, tinvolvi konċett li ma hux infamanti.*

*Imma li wieħed jimputa lill-kwerelant li hu għandu jitqies bħala bniedem li "għalieh il-Knisja ma hi xejn", hija attribuzzjoni nġurjuża; għax jekk wieħed jifhem dawk il-kliem*

*bħala bniedem raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja, u jippeżah "with an unbiassed mind", ma jistax ma jifhemx dawk il-kliem bħala nġurjużi.*

*U mhix ammissibbli bħala skriminanti l-prova li l-kwerelant isegwi partit li urta mal-awtoritajiet tal-Knisja u li ma jirrkonoxxix in-neċessità tal-armonija bejn il-Knisja u l-Gvern; għax altru li jingħad li l-kwerelant hu bniedem li għalieh il-Knisja ma hi xejn, u altru li wieħed irid jagħmel prova simili biex minnha jindući l-inferenza attribwita lill-kwerelant. F'tema ta' prova tal-verità f'libell, il-kwerelat għandu jipprova l-kliem preċiżi minnu attribwiti lill-kwerelant, u prova simili mhix rilevanti, għax ma tinkontrax l-imputazzjoni; u dawk il-kliem imorru aktar il-bogħod, u jistgħu jifthemu bħala li jirrakkjudu addebitu aktar gravi, cjoè dak li l-lat reliġjuż ma jidħolx fil-ħajja tal-kwerelant, jew anki li hu ma jipprofessa ebda reliġjon. Prova simili, għalhekk, mhix ammissibbli.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela ta' Kalċidon Agius quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Anthony Montanaro, talli, bħala editur tal-"Berqa", fil-Belt Valletta u bnadijiet oħra, fin-numru tal-istess ġurnal 8285, tat-12 ta' Marzu 1959, fir-raba' kolonna, taħt l-intestatura "Ittri lill-Editur", subtitolu "Fin-Naxxar", f'korrispondenza firmata "Nasri", li tibda "Nhar il-Ħadd 1 ta' Marzu, fin-Naxxar" u tispiċċa "...... nafdaw wisq anqas minnek", il-kwerelat inġurja lill-kwerelant fil-fama u riputazzjoni tiegħu, u esponieh għall-mibgħeda u disprezz tal-publiku;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti, li biha, prevju r-riġett tal-provi offerti, iddeċidiet billi sabet lill-kwerelat ħati talli, bħala editur tal-"Berqa", fin-numru tal-istess ġurnal 8285, tat-12 ta' Marzu 1959, bil-publikazzjoni tal-ittra msemmija qabel, inġurja lill-kwerelant fil-fama u r-riputazzjoni tiegħu, u esponieh għall-mibgħeda u disprezz tal-publiku, u kkundannat lill-kwerelat għall-multa ta' £10 u għall-ispejjeż tal-kawża, u ordnat li sunt komprensiv tas-

sentenza tagħha jiġi publikat mhux aktar tard minn żewġ numri mil-lum fl-istess gazzetta a kura tal-kwerelat;

Rat ir-rikors tal-appell tal-kwerelat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li, qabel xejn, jiġi revokat id-digriet li bih l-Ewwel Qorti pprekludietu milli jagħmel il-provi kollha li għandu dwar ir-relazzjonijiet bejn il-partit tal-kwerelant u l-Knisja, billi hu jiġi ammess li jagħmel dawk il-provi, u billi konsegwentement tiddikjara li l-appellant irnexxielu jagħmel il-prova tal-verità tal-fatt allegat, u għalhekk, prevja d-dikjarazzjoni li l-addebitu l-ieħor ta' "pappagall" ma hux libelluż, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni;

Trattat l-appell;

Tikkunsidra;

Kwantu għall-kelma "pappagalli" li hemm fl-ewwel paragrafu tal-artikolu nkriminat, din il-kelma, safejn tirriferixxi għall-kwerelant, ma hijiex, almenu fil-kontest li fih hi użata, tali li tiġi raġjonevolment mifthema mill-qarrej ordinarju bħala diffamanti. Hu prinċipju ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza, li jkun hemm inġurja biss jekk il-persuna kwerelanti, jew il-karattru tagħha, jiġu mxebbħin lil xi "treacherous or disgusting animal", ċjoè lil xi annimal li għar-rigward tiegħu "certain ideas are attached", ċjoè idejiet ta' ħwejjeġ per sè nġurjużi (ara Gatley, Libel and Slander, p. 32). F'dan il-każ, il-kelma. tutt'al-pjù, tfisser li s-segwaċi tal-Perit Mintoff jirripetu dak li jgħid hu bla ma jkunu oriġinali — liema konċett ma hux diffamanti. Għalhekk dik il-kelma hi eskluża għall-finijiet tal-imputazzjoni tal-kawża preżenti;

Kwantu għall-aħħar paragrafu tal-artikolu nkriminat, jekk wieħed jirrispondi għad-domanda dwar kif ġew mifthema l-kliem fih kontenuti mill-qarrej ta' intelliġenza ordinarja, li jifhem dak li jaqra raġjonevolment, u jip-

peżah "with an unbiassed mind", ma jistax ikun hemm dubju li r-risposta għandha tkun li l-kwerelat kien qiegħed jimputa lill-kwerelant li hu għandu jitqies bħala bniedem "li għalieh il-Knisja ma hi xejn". Dik hi, bla dubju, li-"sting" ta' dawk il-paragrafi;

Issa, hu "jus communiter receptum" f'tema ta' prova tal-verità f'libell, li "The defendant must justify the precise words set out in the statement of claim"; u li "The defendant must be careful that his plea of justification is as broad as the libel"; kif ukoll li "As much must be justified as meets the sting of the charge"; u, in fine, li "the strictest proof is required" (ara Gatley, loc. ċit., pp. 481, 483, u 485; u Odgers, pp. 149, 518);

Issa, kif jidher mill-verbal fol. 11, u anki minn nota preżentata fid-dibattitu quddiem il-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 1959, il-kwerelat irid jipprova li l-Malta Labour Party urta mal-Awtoritajiet tal-Knisja u li ma jirrikonoxxix in-neċessità ta' armonija bejn il-Knisja u l-Gvern, u li għalhekk, ikompli jgħid il-kwerelat, ġaladarba l-kwerelant kien membru parlamentari ta' dak il-partit, u sal-lum għadu jagħmel komizji f'isem dak il-partit, hu japprova dak l-atteġġjament, u per konsegwenza l-libell hu ġustifikat;

Hu ċar, però, kif sewwa rriteniet il-Qorti tal-Ewwel Grad, li l-prova li jrid jagħmel il-kwerelat ma tinkontrax "the precise charge". Altru li wieħed irid jagħmel il-prova fuq imsemmija biex jiddeduċi minnha l-inferenza rigward il-kwerelant, ukoll fuq imsemmija, u altru li jingħad, kif fil-paragrafu nkriminat qed jingħad, li l-kwerelant hu bniedem li għalih il-Knisja ma hi xejn; għaliex dawn il-kliem imorru aktar il-bogħod, u jistgħu jifthemu bħala li jirrakkjudu addebitu aktar gravi, ċjoè dak li l-lat reliġjuż ma jidħolx fil-ħajja tal-kwerelant, jew anki li hu ma jipprofessa ebda reliġjon;

Għalhekk, ma hix ċensurabbli l-ordinanza tal-Ewwel Qorti li biha rrespinġiet dik il-prova, in kwantu din "non relevat", għax ma tinkontrax l-imputazzjoni fis-sens tal-prinċipju fuq spjegat. Provi oħra tal-imputazzjoni ma ġewx offerti;

Għalkemm ġie eskluż il-karattru kriminuż tal-addebitu ta' "pappagalli", ma hux il-każ ta' minorazzjoni ta' piena, għaliex l-addebitu l-ieħor hu suffiċjentement gravi biex jiġġustifika l-entità tal-piena pekunjarja nflitta;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma "pro tanto" s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kwerelat. Is-sunt għandu li għandu jiġi publikat għandu jkun konformi għal din is-sentenza. Onorarju tad-difensuri "uti infra"; 12s. seduta 6. VI. '59; 10s. seduta tal-lum.